MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 441/2005

**Arthur Douglas Turner**

**vs**

**Forest Gate Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Frar, 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta`konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' mija u tlieta u disghin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm193.50) rapprezentanti dritt professjonali dovut lilu ghal xoghol ta' *auditing* u *accounting* ezegwit minnu ghall-beneficcju u fuq l-inkarigu tas-socjeta` konvenuta.

Illi nonostante interpallata diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficjali datata s-17 ta' Settembru, 2004 u notifikata lis-socjeta` konvenuta fl-24 ta' Settembru, 2004, is-

socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi.

Ghalhekk kellha ssir dina l-kawza kontra s-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali u bl-imghax legali mid-data ta’ l-istess ittra ufficjali.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew pprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet ta’ l-attur u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ mija u tlieta u disghin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm193.50), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Settembru 2004, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------